## NOTI GRAMMATIKALI.

*Mistoqsijiet* (minn V.B.) :—

(a) Xinhi r-raġuni tal-qagħda tal-*h* fil-maskil singular dirett meta jkun mehmuż mal-pronom indirett fil-verb?

(a) Ir-regula tas-suffiss pronominali *h* li jinkiteb fil-kelma *nisirqulu* nifhem li t-tieni *i* hi ewfonika, iżda fil-kelma *nisraqhulu*, l-*a* hi ewfonika wkoll?

(ċ) Kif għandi nikteb sewwa : *fix* jew *fiex*, *bix* jew *biex*, *mnix* jew *mniex*?

*Tweġibiet* :—

(a) Ir-regula tas-suffiss pronominali **h** li jinkiteb fil-kelma meta dan bħala pronom dirett jingħaqad ma' pronom indirett fil-verb hija marbuta iktarx mal-fonetika milli mal-morfoloġija. Hemm regula li tgħid illi meta ma' kelma ta' żewġ sillabi tiżdied fit-tarf *vokali*, il-vokali atona tat-tieni sillaba taqa'; iżda meta tiżdied *konsonanti* dik il-vokali ma taqax. Għalhekk meta mal-verb *qatel*, inżidu l-pronom maskil tat-tielet persuna, aħna ngħidu u niktbu *qatlu* (hu qatel lilu), mhux *qatlhu* fejn jidher li flok il-pronom *h* (akkużativ) daħlet *u*(*h*), li bħala vokali waqqgħet il-vokali atona tat-tieni sillaba f'*qatel*. F'*qatilha*, fejn il-vokali tat-tieni sillaba baqgħet, naraw illi s-suffiss pronominali huwa *ha* u mhux *a*.

Mill-banda l-oħra dan jaqbel ukoll ma' dak li tgħid il-grammatika illi s-suffiss pronominali maskil tat-tielet persuna singular huwa *h* u *u* u mhux *hu*. (Qabbel f'De Lacy O'Leary : *Colloquial Arabic*, paġ. 40 fejn il-pronom hu : *uh*, -*u*, *h*).

Fuq l-istess prinċipju, meta niġu biex mal-pronom dirett ngħaqqdu l-pronom indirett, niktbu *kitibhuli* u mhux *kitibuli*. Fil-kitba tal-kelma *kitibhuli* naraw illi, meta mal-pronom dirett ngħaddu l-indirett *li*, il-vokali tat-tieni sillaba ma waqgħetx u, għalhekk, flok il-vokali *u*(*h*), bħala pronom dirett daħlet il-konsonanti *h*, għax kieku flok *kitibhuli* konna ngħidu *kitbuli*.

Il-vokali *u* f'*hu* tidħol biex tirfed il-leħen ta' l-*h* mehmuż ma' l-indirett *li* u tieħu l-aċċent fuqha.



Meta nafu illi bħala regula l-pronom tat-tielet persuna maskil magħqud mal-pronom indirett huwa *h*(*u*) u mhux *u*(*h*), aħna għalhekk, għandna fuq l-istess prinċipju, niktbu *sabhuli*, *sabhulhom*, eċċ., u mhux *sabuli*, *sabulhom*.

(b) It-tieni *i* fil-kelma *kitibhuli* mhix ewfonika, l-ewwelnett għax il-vokali tal-leħen tidħol biss *qabel likwida* li tkun sa titħaxken bejn żewġ konsonanti, u t-tieni għaliex, kif fehemna qabel, dik il-vokali hija l-vokali *e* (li tbiddlet f'*i*) ta' *kiteb* li ma waqqgħetx għax il-pronom li nhemeż magħha huwa *h* (kons.) u mhux *u* (vokali). Fil-kelma *nisirqulu*, it-tieni vokali *i* hija ewfonika, għax l-ittra servili *u* ta' l-Imperfett, l-ewwel pers. plur. waqqgħet il-vokali atona tat-tieni sillaba u hekk minn *seraq*, *israq*, *nisraq* kien ikollna *nisrqu* li biex titlissen daħħlet il-vokali tal-leħen *i* qabel il-konsonanti likwida *r* u saret *nisirqu* li biż-żieda ta' l-indirett *lu* nbniet il-kelma *nisirqulu* (aħna). Fil-kelma *nisraqhulu*, imbagħad, il-vokali *a* mhi xejn ewfonika, imma hija vokali tal-forma *nisraq* + is-suffissi *huli* fejn il-pronom *h*, bħala konsonanti, ma waqqgħetx il-vokali ta' l-Imperfett *nisraq* meta dan ingħaqad mas-suffissi dirett u indirett.

(ċ) Il-klejmiet *biex*, *fiex*, *mniex* ġejjin minn *bi ajx* (jew aħjar mill-Għarbi Klassiku *bi ajji xajin*); *fi ajx* (jew aħjar mill-Għarbi Klassiku *fi ajji xajin*); *min ajx* (jew aħjar mill-Għarbi Klassiku *min ajji xajin*) imqassrin fid-djaletti Għarbin f'*bâx*, *fâx*, *menâx*, li fil-Malti saru : *biex*, *fiex*, *mniex*; hekk *għaliex* li ġejja minn *għal ajx* jew *għala ajji xajin*.

a. c.